# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

Avviż Nru: 227/2020 LC

**S. Curmi & Sons**
(P820)

*vs*

**Gary Grech**
(K.I. 197893M)

**Illum, 24 ta' Ottubru 2022**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti S. Curmi & Sons datat l-20 ta' Novembru 2020 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' €6,094 oltre l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż kontra l-intimat, li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' Gary Grech datata l-5 ta' Jannar 2021 fejn fiha ammetta li l-ammont huwa dovut iżda għandu jiġi ċċarat waqt it-trattazzjoni tal-każ sabiex b'hekk ikun jista' jsir il-pagament fuq perjodu ta' sitt xhur, rati mensili.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjetà rikorrenti ingaġġat lill-intimat sabiex jagħmlilha *upgrade* tas-sistema tal-informatika tagħha, inkluż installazzjoni ta’ hardware u software ġdid. Illi fl-affidavit tiegħu, ir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Paul Curmi[1] jgħid li l-intimat kien jieħu ħsieb is-sistema tal-informatika tagħhom u talbuħ itihom quotation tax-xogħol li hemm bżonn li jsir. Hu kien tahom quote fl-ammont ta’ €11,636.91 liema somma tinkludi l-akkwist ta’ hardware, software, liċenzji u s-servizz tiegħu. Paul Curmi qal li huma aċċettaw din il-*quotation* u b’hekk awtorizzaw lill-intimat iwettaq ix-xogħolijiet Jgħid li hekk kif temm ix-xogħolijiet, hu ppreżentalhom il-fattura tiegħu u huma ħallsuh.

Fl-affidavit tiegħu, Paul Curmi jkompli jgħid li wara ftit taż-żmien beda jissuspetta li l-intimat seta’ kien qed japprofitta ruħu minnu peress li ma jifhimx. Jgħid li s-soċjetà rikorrenti tterminat l-ingaġġ tagħha mal-intimat u ngaġġat terza persuna, Andrew Licari, sabiex jagħmel audit tas-sistema tal-informatika.

Illi fl-affidavit tiegħu[2], Andrew Licari qal li waqt li kien qed jagħmel il-verifiki tiegħu rriżultalu li:-

- Minflok is-server ikkwotat, l-intimat installa *server* ta’ kwalità ferm inferjuri li, skont ma rriżultalu, l-anqas kien għadu fis-suq u s-soċjetà rikorrenti kellha tinkorri spejjeż żejda fl-ammont ta’ €3,035 sabiex taġġorna s-server għall-bżonnijiet tal-lum-il ġurnata;

[1] Ara dok “PC1” a fol. 9 tal-atti proċesswali.
[2] Ara dok “AL1” a fol. 14 tal-atti proċesswali.

- Installa liċenzja ta' software tas-server waħda biss, meta s-soċjetà rikorrenti ħallset għal żewġ liċenzji, u b'hekk hija ħallset żejjed is-somma ta' €979.75;

- Il-verżjoni ta' software "Veam Backup & Replication Enterprise" installata hija dik ta' *freeware* u mhux dik li ħallset għaliha s-soċjetà rikorrenti, u b'hekk ħallset €1,150 b'mod żejjed;

- Ħallsu għal liċenzji ta' software li ma jeżistux fis-suq u b'hekk ġiet imħallsa s-somma ta' €491 żejda;

- Ħallsu għal software li ma kienx installat fuq is-sistema b'kollox ħalsu s-somma ta' €528.88

B'hekk, minn dan jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti ħallset żejjed is-somma totali ta' €6,184 oltre l-VAT.

Ikkonsidrat;

Illi l-intimat ma ressaq ebda prova da parti tiegħu sabiex jirribatti l-verżjoni promossa mis-soċjetà rikorrenti u mill-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta mill-provi mressqa mis-soċjetà rikorrenti.

Illi fl-avviż promotur, madanakollu, is-soċjetà rikorrenti titlob lill-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma ta' €6,094 u mhux is-somma indikata mix-xhud tagħha Andrew Licari ta' €6,184 li hija €90 aktar minn dak mitlub fl-avviż promotur.

Illi għalhekk, il-Qorti, filwaqt li ser tgħaddi biex tilqa' t-talba rikorrenti, se tillimita t-talba għall-ammont mitlub fl-avviż promotur.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lill-intimat Gary Grech iħallas lis-soċjetà rikorrenti S. Curmi & Sons is-somma ta' sitt elef u erbgħa u disgħin Ewro (€6,094) u bl-imgħax legali b'effett mill-20 ta' Novembru 2020, ċioè d-data tal-preżentata tal-avviż odjern, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż tal-preżenti jkunu a karigu esklussiv tal-konvenut.

Ft.Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur**